MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 734/1991/1

**Carmelo Pace, u b' digriet tas-16 ta' April 2002 l-atti tal-kawza gew trasfuzi fl-ismijiet ta' Raymond, Marthese mart Jesmond Scerri, Carmen xebba, u Antoinette xebba, ilkoll ahwa Pace, u b' digriet moghti fl-10 ta' Dicembru 2003 gie ordnat li jizdied l-isem Philip mal-ahwa Pace**
**Vs**
**Elizabeth mart Joseph Farrugia u l-istess Joseph Farrugia bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress illi fil-11 ta' Jannar 1987 u fit-28 ta' Lulju 1971 mietu Carmelo u Filippa konjugi Pace, il-genituri tal-

kontendenti, b'testment 'unica charta' datat 15 ta' Novembru 1960 in atti Nutar Philip Saliba;

U peress illi l-imsemmi decujus Carmelo Pace in segwitu ghall-mewt ta' martu ghamel testment iehor datat 20 ta' Settembru 1985 permezz tal-ministeru tan-Nutar Jeannette Laferla Saliba;

U peress illi l-kontendenti huma l-unici successuri tad-defunti u gew nominati unici werrieta universarli proprjetarji assoluti tal-imsemmija konjugi Pace;

U peress illi l-kontendenti ma qablux dwar il-mod kif ghandu jigi spartit il-fond numru 4 Sqaq tlieta, Siggiewi Street, Zebbug, imholli kwantu ghan-nofs indiviz b'legat lill-konvenuta bil-precitat testment tal-missier tal-20 ta' Settembru 1985; u dan nonostante illi gew minnhom inkarigati periti ghal dan l-iskop;

U peress illi mhux possibbli illi l-istanti u l-konvenuta jibqghu aktar in komunjoni stante l-falliment ta' kull tentattiv ghal qasma bonarja;

Tghid ghalhekk l-istess konvenuta l-ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. tillikwida jekk ikun il-kaz, l-assijiet ereditarji ta' Carmelo u Filippa konjugi Pace, inkluza l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom;

2. taqsam l-assijiet rispettivi hekk likwidati f'porzjonijiet ta' valur ugwali, tenut rigward tal-legat imholli mid-decujus Carmelo Pace;

3. tassenja l-porzjonijiet hekk likwidati u divizi lill-kontendenti;
4. tinnomina periti ghall-likwidazzjoni, divizjoni, stimi u okkorrendo licitazzjonijiet mehtiega;

5. tinnomina Nutar Pubbliku ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv; u

6. kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri legali tal-20 ta' Gunju 1990, 15 ta' Ottubru 1990, 7 ta' Dicembru 1990, 21 ta' Jannar 1991, 8 ta' Marzu 1991, 22 ta' Marzu 1991, 18 ta' April 1991, 24 ta' Mejju 1991 kontra l-konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi l-esponenti jaqblu li ghandha ssir divizjoni relattiva ghax anke huma ma jixtiequx jibqghu fi stat ta' komunjoni mal-attur.

2. Illi ghandha tigi likwidata somma dovuta lill konvenut tas-servigi resi lill-genituri tal-kontendenti.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-atturi u l-listi tax-xhieda;
Rat ir-relazzjoni[1] tal-Perit l-AIC Rene Buttigieg mahlufa fl-14 ta' April 1997, kif ukoll ir-relazzjoni addizzjonali[2] maghmula mill-istess Perit u mahlufa fl-udjenza tal-15 ta' Ottubru 2003;
Semghet xhieda bil-gurament;
Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;
Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' dawn il-proceduri l-atturi qeghdin jitolbu l-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-assijiet ereditarji tal-genituri taghhom Carmelo u Filippa konjugi Pace li mietu rispettivament fil-11 ta' Jannar 1987 u fit-28 ta' Lulju 1971.

Illi fil-15 ta' Novembru 1960 l-konjugi Pace kienu ghamlu testment unica carta fl-atti tan-Nutar Dottor Philip Saliba, u fl-20 ta' Settembru 1985, l-istess Carmelo Pace, wara l-

[1] Fol.69
[2] Fol.219

mewt ta' martu, kien ghamel testment fl-atti tan-Nutar Dottor Jeannette Saliba.

Illi fl-ewwel testment[3] il-konjugi Pace kienu hallew liz-zewg uliedhom, il-konvenuta Elizabeth Farrugia u l-attur Carmelo Pace, unici werrieta universali u proprjetarji assoluti fi kwoti ndaqs bejniethom tal-beni taghhom.

Illi permezz tat-tieni testment[4] Carmelo Pace halla lill-konvenuta b' titolu ta' prelegat fi piena u assoluta proprjeta' is-sehem tieghu ta' nofs indiviz mill-fond numru 4 Sqaq 3 Siggiewi Street, Zebbug, flimkien mal-giardina u l-bicca raba kif deskritt fit-tieni Artikolu tal-istess testment; u dana b' kumpnes ghas-servigi rezi lilu mill-istess konvenuta.

Illi fis-17 ta' Ottubru 1991[5] din il-Qorti innominat bhala Perit Tekniku lill-Perit AIC Rene Buttigieg biex jirrelata dwar it-talbiet attrici.

Illi mill-atti jirrizulta manifest li l-pern tal-kwistjoni bejn il-kontendenti hija l-mod ta' spartizzjoni ta' dawn il-fond skond il-kwoti mhollija mit-testaturi. Ghal-bqija l-kontendenti qabblu dwar il-konsistenza tal-assijiet ereditarji li ghandhom jigu divizi, kif ukoll fuq ir-rispettivi kwoti. Di fatti fis-seduta peritali tas-16 ta' Gunju 1992, gie verbalizzat hekk: "Il-partijiet jaqblu illi l-assi ereditarju li ghandhom indiviz, u li ghalhekk iridu jigu maqsuma ghal-fini ta' din il-kawza, f' ishma ta' tlett kwarti ghal-konvenuti u kwart ghall-attur huma:- Id-dar numru 4 Alley 3 Siggiewi Street Zebbug, u l-gnien u l-ghalqa retroposti. Il-kondividenti ghandhom wkoll, f' oqsma wgwali tlett titmiem raba, fil-kuntrada ta' Ghar-Ram fil-limiti ta' Hal-Qormi msejha Ta' Ghar Ram"[6]

Illi fir-relazzjoni originali tieghu l-Perit Tekniku, wara li ddeskriva l-fondi soggetti ghad-divizjoni, fassal pjan ta' divizjoni li jinsab dettaljatament deskritt u spjegat fil-pagni

---

[3] Fol.26 Artikolu 4
[4] Fol.28
[5] Fol.40
[6] Fol.104

minn numru 14 san-numru 25[7], u ghamel l-assenjazzjoni relattiva.

Rigward il-metodu ta’ spartizzjoni adoperat minnu l-Perit Tekniku dwar il-fond numru 4, dan ghamel is-segwenti osservazzjonijet: “ .. in-natura, karattru u tqassim ta’ dan il-fond, jillimitaw hafna mill-modi ta’ kif dan jista’ jinqasam fil-kwoti fuq indikati. L-esponent ikkonsidera diversi minn dawn il-modi, u huwa ta’ l-opinjoni li l-pjan ta’ divizjoni [minnu propost] huwa dak kkunsidrat l-ahjar fic-cirkostanzi billi minghajr ma jhassar il-karattru tal-fond, rapprezentanti s-sehem ta’ tlett kwarti minnu, jipprovdi parti adegwata, li ghandha entita’ separata, rapprezentanti l-kwart l-iehor minn dan il-fond”[8] u fil-parti konkluziva tar-rapport tieghu qal hekk: “ .. ghalkemm kull zmembrament ta’ proprjeta’ jinfluwixxi avversament fuq il-proprjeta’ f’ dan il-kaz, il-metodu adoperat mill-esponent ipprovda lill-attur, sehemu mill-fond, mill-gnien u mill-ghalqa, minghajr ma affettwa b’ mod sostanzjali, il-bqija tal-proprjeta’ li baqghet f’ idejn il-konvenuti.”[9]

Illi l-atturi hassuhom aggravati bil-mod tal-qasma suggerita mill-Perit Tekniku u rrizervaw id-dritt ghan-nomina ta’ Periti Addizzjonali kif ukoll prezentaw nota ta’ kritika.[10] Saret ukoll l-eskuzzjoni tal-Perit da parti tal-atturi, bir-rizultat li dana inghata inkarigu ulterjuri sabiex jfassal pjanijiet ohra ta’ qasma tal-fond de quo differenti minn dak propost minnu fir-relazzjoni originali.

Illi f’ relazzjoni addizzjonali tieghu l-Perit Tekniku rribadixxa u kkonferma l-konkluzjoni tieghu precedenti, u wara li osserva li huwa kien investiga diversi pjanijiet ohra, sostna li “dak minnu propost fir-relazzjoni [originali] tieghu huwa l-aktar ekwu, u gust fic-cirkostanzi, peress li fost affarijiet ohra huwa <u>dak li l-anqas jaffettwa avversament il-fond fl-intier tieghu</u>.”[11]

[7] Fols.84 -95
[8] Fol.85
[9] Fol.96
[10] Fols.105-109
[11] Fol.223 – Sottolinear tal-Qorti

Illi wara li saret da parti tal-atturi eskussjoni fuq ir-rapport addizzjonali, l-atturi fl-udjenza tat-10 ta' Dicembru 2003 ddidkjaraw li ma kienux ser jinsistu fuq it-talba taghhom ghan-nom ta' Periti Addizzjonali.[12]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fic-cirkostanzi l-Qorti tikkonsidera opportuni s-segwenti osservazzjonijiet.

Illi in tema legali jigi osservat li, filwaqt li l-prova permezz ta' perizja hija biss prova li, ma' provi ohra, ghandha twassal lill-gudikant ghad-decizjoni tieghu fil-kaz ta' perizji teknici, din il-prova tassumi grad ta' l-ahjar prova peress illi l-parir huwa moghti minn pesuna teknika indipendenti mill-gudikant li m' huwiex intiz mill-materji teknici. Sakemm ma jigux indikati oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz tali li jinducuha li tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak ta' tekniku dan ma taghmlux.[Prim Awla (1712/94NA) Venera Sammut et noe vs Anthony Cardona et, 31.05.1999; App.Inf. Bonnett vs Lewis 1.03.1991. U fil-kaz App. Benjamin Camilleri noe vs Chares Debattista noe 9.02.200 l-Onorabbli Qorti tal-Appell osservat hekk: "L-opinjoni teknika kkonfermata bil-gurament mill-perit tekniku, bhal kull prova ohra, setghet tigi skartata mill-Qorti. Dan pero' mhux leggerment jew kapriccjozament imma biss fejn tirrizulta raguni valida mill-atti. Bhala regola huwa stabbilit anke mill-gurisprudenza li l-Qorti ma kellhiex twarrab u tiskarta opinjoni tal-perit tekniku minnha nominat ghax dik, kif inghad, tikkostitwixxi element ta' prova importanti jekk mhux determinanti li kellu jifforma l-gudizzju tal-Qorti."

Illi fil-kaz in dizamina din il-Qorti wara li ezaminat l-atti u senjatament il-fatturi li l-Perit Tekniku ha in konsiderazzjoni meta wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu, kif ukoll l-osservazzjonijiet maghmula minnu, hija tal-fehma li ma hemmx raguni valida ghaliex ghandha tiskarta l-pjan ta' divizjoni propost mill-espert fir-relazzjoni tieghu. Jigi rilevat li l-fatt ut sic li l-atturi ma jaqblux mar-rapport jew li fil-fehma taghhom dan seta' sar b' mod ahjar, ma

[12] Fol.240

jiggustifikax li din il-Qorti tiskartah jew tiddipartixxi minnu; multo magis meta huma rrinunzjaw ghat-talba ghan-nomina ta’ Periti Addizzjonali.

Illi in vista tal-premess l-Qorti taddotta fl-intier tieghu r-rapport tal-Perit Tekniku b’ mod li jifforma parti integrali mill-gudizzju odjern; u tordna li d-divizjoni meritu tal-proceduri odjerni ghandha ssir skond il-pjan ta’ qasma mfassal fl-istess rapport.[13]

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tilqa’ talbiet attrici u tillikwida l-assijiet ereditarji ta’ Carmelo u Filippa konjugi Pace, inkluza l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom; u, filwaqt li taghmel referenza ghal-verbal tal-partijiet registrat fis-seduta peritali tasl-16 ta’ Gunju 1992[14], tordna d-divizjoni u l-assenjazzjoni tal-fondi indikati fir-relazzjoni u cioe’ id-dar numru 4 Alley 3 Siggiewi Street Zebbug, u l-gnien u l-ghalqa retroposti, kif ukoll ir-raba, fil-kuntrada ta’ Ghar-Ram fil-limiti ta’ Hal-Qormi msejha Ta’ Ghar Ram, fil-kwoti kif indikat fl-istess verbal; u tordna d-divizjoni tal-istess skond il-pjan ta’ qasma infassal mill-Perit Tekniku fir-relazzjoni tieghu [Fols.70-104]; u tinnomina lin-Nutar Dottor Carmel Martinelli biex, fi zmien tlett xhur mill-lum, jircevi l-att relattiv f’ data, post u hin mghazul minnu, u tinnomina lill-Avukatessa Dr.Veronica Aquilina bhal kuratur sabiex tidher ghall-kontumaci jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez ghandhom jigu sopportati bejn il-partijiet fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[13] Fols.70 *et seq.*
[14] Supra